MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 613/2002/1

**Ian Fenech**

**v.**

**Farr Limited, Kurja Arciveskovili ta’ Malta u Gvern ta’ Malta**

**Il-Qorti:**

Din hi decizjoni wara talba tal-appellat Ian Fenech maghmula fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2010, ghar-rikusa tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia, wiehed mill-membri komponenti ta’ din il-Qorti. Din it-talba qed issir minhabba l-allegat involviment ta’ missier dan il-gudikant, l-avukat

Dr. Paul Mallia, fil-kaz. L-avukat Mallia ghamel zmien twil l-avukat tal-Kurja Arciveskovili ta’ Malta u kien, ghalhekk, involut direttament fil-kwistjoni meritu ta’ din il-kawza. Peress li qed jigi allegat li kienet “tahwida” tal-Kurja li tat lok ghal din il-kawza, jista’ jsir rifless, tajjeb jew hazin, fuq l-avukat Mallia bhala l-konsulent tal-Kurja, u ghalhekk, qed jigi sottomess, ikun tajjeb li l-Onor. Imhallef Mallia jastjeni biex tigi evitata sitwazzjoni imbarazzanti.

Lil din il-Qorti jirrizultalha li l-Avukat Paul Mallia kien jippatrocinja lill-Kurja Arciveskovili ta’ Malta f'din il-kawza, u fit-tlett kawzi l-ohra li, kif inghad fin-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Kurja, “ghandhom jitfghu dawl fuq il-materja”. L-Onor. Imhallef Mallia jaf ukoll *di proprio* li missieru, bhala l-avukat tal-Kurja, kien ikkonsultat fuq il-meritu ta' din il-kawza u dawk konnessi. Sa fejn kienet tasal din il-konsultazzjoni, ma jafx, u l-avukat Mallia ma jistax issa jigi kkonsultat peress li lahaq miet. Ghalhekk, il-Qorti ma tafx jekk u sa fejn l-avukat Mallia kien involut fl-allegat “tahwida” li saret mill-Kurja.

Hu car, pero`, li fit-trattazzjoni tal-kawza se jsiru allegazzjonijiet dwar l-operat tal-Kurja u kemm dan kien in bona fede, u peress li l-avukat Mallia kien, fl-epoka rilevanti, konsulent legali tal-istess Kurja, ikun jaqbel li l-Onor. Imhallef Tonio Mallia jastjeni milli jkompli jisma’ dan il-kaz. Bl-ebda mod ma hi qed tintefa’ xi dell fuq il-konsulenza tal-avukat Mallia, ghax fuq kollox anke <u>jekk</u> kien hemm dan l-allegat tahwid da parti tal-Kurja, dan seta’ sehh ad insaputa tal-avukat taghha, kif gieli jigri. La mill-atti u lanqas mis-sentenza tal-ewwel Qorti ma tirrizulta b’xi mod l-involviment tal-avukat Mallia fl-izball li rriskontrat l-ewwel Qorti fl-agir tal-Kurja, pero`, ghat-trasparenza jaqbel li jkun hemm astensjoni da parti tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qed tilqa’ t-talba ghall-astensjoni tal-Onor. Imhallef Tonio Mallia, u tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------